**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 406/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Paul Bond)**

**vs**

**Anthony Camilleri ta' 29 sena, iben**
**Paul u l-mejta Carmen nee Zerafa,**
**mwielda Pieta' fit-2.07.71**
**u residenti Entrance 1, Flat 6, Binja Vista,**
**B'Kara, detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 310771 (M).**

**Illum 1 ta' Frar, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmiAnthony Camilleri li gie akkuzat talli matul it-tnax-il xahar qabel il-11 ta' April, 2001 bhala impjegat mal-kumpanija maghrufa bhala "Frankit Ltd.", li qeghda f'Mill Street, Qormi, kkommetta serq ta' diversi safe starters tal-karozzi li l-valur taghhom jeccedi l-Lm 100 izda inqas minn Lm 1,000 liema serq hu aggravat bil-valur u persuna u dan ghad-dannu ta' Frankie Tonna li hu l-propjetarju tal-istess kumpanija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta lill-imputat bhala recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati datati 25.06.98, 28.11.2000, u 4.06.2001 meta kien instab hati ta' reat f'kull okkazjoni u kien gie kkundannat pieni ta' multi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarji (a fol 10).

Rat l-interrogatorju fejn l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji u wiegeb li hu hati (fol 5).

Rat ukoll il-verbal ta' l-14 ta' Settembru, 2001 fejn l-imputat irregistra Ammissjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal ta' l-14 ta' Settembru, 2001 fejn l-Avukat Difensur ezenta lill-Ufficjal Prosekutur milli jtella' kwalunkwe prova necessarja rigward identita' fil-konfront taz-zewg sentenzi esebiti Dok PB u Dok PB1 u ta' l-istqarrija (a fol 17, 18).

Fuq ammissjoni ssibu hati wara li rat Art 261 tal-Kap 9.

Qieset ukoll li ghalkemm il-htija penali hija wahda refrattarja, pero' ghajr ghal dawn iz-zewg sentenzi msemmija ma giet esebita ebda sentenza ohra.

Ghaldaqstant tqis li in vista ta' l-Ammissjoni bikrija tieghu u anke tal-fatt li jidher li qieghed jaghmel sforz genwin biex johrog mill-problemi li ghandu, rat l-Art 28A tal-Kap 9 u tikkundannah ghal sena habs sospizi ghal sentejn.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.